# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Hamis 5 ta' Ottubru, 2000 .

### Avviz numru : 71/1998 G2 (PC)

**Gelluxa Limited .**

**vs**

**Publius u Annetta sive Anna konjugi Grima.**

**Il-Qorti ,**

**Rat l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhomx, previa okkorrendo d-dikjarazzjoni illi il-konvenuti ghandhom ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u sebgha u ghoxrin lira Maltija u sebgha u sittin centezmu (LM827.67) dovuti mill-konvenuti lill-istess kumpanija attrici bhala bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilhom f'diversi okkazjonijiet, jigu kkundannati jhallsu l-istess ammonti flimkien b'effett mid-data tal-konsenja sal-effettiv pagament .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-23 ta' Marzu, 1998, u dik ufficjali ta' April, 1998, kontra taghhom; u bl-ingunzjoni taghhom ghas-subizzjoni .**

**Rat ir-Risposta tal-konvenuti li biha eccepew :**

1. **Illi l-eccipjenti jammettu t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' seba' mija u dsatax il-lira Maltija u wiehed u hamsin centezmu (LM719.51c) . Fil-fatt l-eccipjenti ilhom zmien joffru l-hlas ta' din is-somma lis-socjeta' attrici li da parti taghha baqghet tirrifjutaha.**

2. **Illi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-bilanc ta' mija u tmien liri Maltin u sittax-il centezmu (LM108.16c) m'humiex dovuti mill-eccipjenti .**

3. **Illi ghar-ragunijiet fuq esposti l-eccipjenti m'ghandhomx jehlu spejjez gudizzjarji .**

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .**

**Ikkunsidrat :**

**Illi permezz tal-kawza prezenti s-socjeta' atttrici qed titlob minghand il-konvenuti l-hlas ta' bilanc ta' prezz ta' merci allegatament mibjugha u kkonsenjati lill-konvenuti . It-talba originali kienet ghas-somma ta' Lm827.67, kif jirrizulta mill-'invoices' pprezentati mill-istess socjeta' attrici u mmarkati minn "Dok. KG. 1" sa "Dok. K.G. 7". Fil-kors tas-smiegh tal-kawza pero' dan l-ammont gie ridott ghas-somma ndikata fl-'invoice' "Dok. K.G. 7", u cioe' ghal Lm108.16, peress illi a tenur tal-verbal maghmul seduta stante fil-15 ta' Ottubru 1998, il-partijiet qablu illi 'cheque' li kien gie mibghut mill-konvenuti lis-socjeta' attrici ghall-ammonti ndikati fl-'invoices' l-ohra seta' jigi liberament imsarraf minghajr ebda pregudizzju ghall-kwistjoni dwar din l-'invoice' ta' l-ahhar .**

**Kenneth Grech ghas-socjeta' attrici spjega illi d-"Dok. K.G. 7" jirraprezenta merci ordnati mill-konvenuti u kkonsenjati fil-gabbana taghhom fix-Xatt ta' l-Imgarr mill-lavranti ta' l-istess socjeta' attrici u li taghhom baqghu ma thallsux mill-konvenuti . Imkien ma hemm indikat fuq din il-fattura illi kien sar il-hlas relattiv . Spjega wkoll illi ghalkemm il-konvenut kien ilu li gie pprezentat b'dawn l-'invoices', qatt ma kien ikkontestahom, u kien jitlob biss zmien ghall-hlas peress illi kien jghid illi kellu problemi ta' "Cash flow". Kien biss wara li gie interpellat gudizzjarment illi beda jallega illi l-ammont indikat fl-"invoice Dok. K.G. 7" ma kienx dovut .**

**Il-konvenut Publius Grima ta diversi ragunijiet in sostenn tal-pretensjoni tieghu li l-ammont mitlub ma kienx dovut . Fl-affidavit tieghu jghid addirittura illi l-merkanzija indikata fuq l-'invoice' in kontestazzjoni qatt ma giet konsenjata lilu . In kontro-ezami imbaghad biddel xi ftit il-verzjoni u sostna illi dik il-merkanzija kienet tassew inxtrat minnu, imma kien hallas ghaliha "cash", meta kien mar hu stess u gabarha mill-imhazen tas-socjeta' attrici . Spjega wkoll illi fil-bidu li beda jinnegozja mas-socjeta' attrici s-sistema kienet illi jcempel biex jaghmel l-ordni, issir il-konsenja, tinhareg l-**

**'invoice' u huwa mbaghad kien jaghmel pagamenti regolari akkont tal-bilanc dovut . Imma meta beda jsib xi hwejjeg indikati fuq il-fattura neqsin, bidel is-sistema u kien imur hu stess jigbor il-merkanzija direttament u jaghmel il-hlas dak il-hin stess . Huwa jsostni illi dan kien proprju li gara fil-kaz in kwistjoni . Ghalkemm il-fattura tindika mod iehor, jghid illi kien sar 'cash sale' u hlas immedjat ghall-merkanzija indikata fuq il-fattura "Dok. K.G. 7". Sostna wkoll illi l-firma fuq id-Dok. K.G. 7 ma jafx ta' min hi, u kuntrarjament ghal dak li kien imdorri jaghmel hu meta kien jigi pprezentat b''invoice', din il-firma lanqas m'hi qeghda ezatt taht l-ahhar oggett indikat fil-lista .**

**Il-Qorti madankollu ssibha difficli biex temmen lill-konvenut . Apparti l-inkonsistenza evidenti bejn dak li stqarr fl-affidavit u x-xhieda in kontro-ezami, jidher mill-fatturi stess esebiti mill-kontendenti illi l-versjoni tal-konvenut ma tantx tista' tkun verosimili Jirrizulta minn dawn il-fatturi illi sew meta kienet tinhareg 'invoice' u anke meta x-xiri kien ikun 'cash sale', u kien isir il-hlas, dejjem kien jigi nnotat li jkun sar tali hlas billi titnizzel il-kelma "Paid" u d-data ta' meta jkun sar dak il-hlas . Fil-kaz ta' "cash sale' il-pagament kien naturalment isir fl-istess data (ara. Dok. R.B.3, 4 u 6) . Pero' l-fattura in kwistjoni ma tindika xejn min dan, u la tnizzel "Paid" u lanqas data meta allegatament sar dan il-hlas . Ghaliex il-konvenut ma insistiex li jsir hekk ukoll anke f'dik l-okkazjoni, jekk tassew hallas mal-ewwel kif qed jallega? Di piu' l-konvenut lanqas ma ta ebda spjegazzjoni ghaliex dam sakemm gie interpellat gudizzjarjament sabiex jaghmel il-hlas, biex jikkontesta din il-fattura u ma kienx oggezzjona mal-ewwel .**

**Fuq kollox tezisti gurisprudenza kostanti fis-sens illi l-oneru tal-prova dwar il-hlas ta' debitu jaqa' fuq min jallega tali hlas, u fin-nuqqas ta' prova sodisfacenti ghall-Qorti, l-prezunzjoni hija li l-pagament ma sarx; (ara Prim'Awla "Francis Scicluna vs. Dominic Cutajar" per . G. Valenzia : 30.6.00, u Kollez. Vol. XLIX. p. 776) .**

**F'tali cirkostanzi fejn il-konvenuti ammettew illi x-xiri tal-merkanzija indikata fuq il-fattura in kwistjoni attwalment sar, imma din il-Qorti mhix sodisfatta illi dawn ipprovaw illi l-hlas relattiv sar, issib it-talba tas-socjeta' attrici gustifikata .**

**Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza billi tilqa' l-istess talba kif ridotta, tiddikjara lill-konvenuti debituri versu s-socjeta' attrici fis-somma ta' mija u tmien liri maltin u sittax il-centezmu (Lm108.16) indikata fuq l-'invoice' "Dok. K.G. 7" anness ma' l-atti tal-kawza, u**

**konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu l-istess somma lis-socjeta' attrici .**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra nterpellatorja tat-23 ta' Marzu 1998, u dik ufficjali ta' April 1998, u bl-interessi fuq din is-somma mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv .**

(ft) Paul Coppini
Magistrat .
(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur .
Si7198Pc
1071